MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 40/2015

**Francesco Varamo (ID61952A)**

**Vs**

**Mariella Grech u Alfred Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur ippremetta illi:

L-intimati ghandhom jigu kkundannati jhallsu lir-rikorrenti l-ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200) rapprezentanti hsarat li garrab fil-vettura tieghu tal-ghamla Alfa Romeo 147 bin-numru ta' registrazzjoni Taljan CK215GX, liema hsarat gew ikkagunati unikamet mill-intimata Mariella Grech li kienet qed issuq il-vettura tal-ghamla Fiat Ducato bin-numru ta' registrazzjoni APY115 b'mod traskurat u negligenti nhar it-3 t'Ottubru, elfejn u erbatax

(2014). Kopja tal-istima tal-ispejjez relatati mat-tiswijiet tal-vettura tar-rikorrenti qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A'.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 4296/14 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-intimati u minn issa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra mill-atti illi l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-02 ta' Marzu , 2015 mill-Avukata Dr Abigail Bugeja u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti naqsu milli jippruvaw l-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur fl-ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------